**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

Illum **l-Erbgha 4 ta' Dicembru, 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Xerri)**

**vs**

**John Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

John Micallef ta' 55 sena iben Carmelo u Gemma nee Zahra, imwieled Tarxien nhar it-13 t'Awwissu 1963, residenti 168, Ta' Gamri Court, Triq Stiefnu Zerafa, Gharghur u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 413263M:

Akkuzat talli nhar l-ewwel (1) ta' Gunju, tas-sena 2018 u fil-gimghat u fix-xhur ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi jew dispozizzjonijiet relatati mal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi wrejt haga b'ohra sabiex igieghel

titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamilt qligh bi hsara ta' Charles (Carmel) Cremona u Carmen Cremona; (Art.308 u 310(1)(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Ghamel xi qligh ta' aktar minn hamest elef Ewro (€5,000) b'qerq ghad-detriment ta' Charles (Carmel) Cremona u Carmen Cremona; (Art.309 u 310 (1)(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Approprja ruhu, billi dawwart bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minna specifikat; (Art. 293 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta);

4. Meta ghal xi raguni xi wahda mill-partikolaritajiet jew xi taghrif iehor li jinsab f'dokument tal-identita ma kienx jew ma baqax aktar korrett, naqas li minghajr dewmien, jirraporta l-fatt u cioe l-bdil tal-indirizz residenzali, lill-ufficjal awtorizzat u nqast li jikkonsenja d-dokument mhux korrett lil u jghati dak it-taghrif kollu li jkun mehtieg minn, dak l-ufficjal; (Art.19(1) u 24(1) tal-Kap.258 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Irrifjuta li jaghti jew ta falz (sic), lill-ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor inkarigat minn servizz pubbliku waqt il-qadi ta' dmirijietu ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikolaritajiet ohra; (Art.338(g) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. irrenda ruhek recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali b'sentenzi moghtija lilu mill-Qrati Kriminali (Malta) u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula; (Art. 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

Il-Qorti giet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-propjeta mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-imputat jew huma propjeta tieghu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi propjeta mobbli jew immobbli, ai termini tal-Artikolu 23A tal-Kodici Krimimali, Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa, tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta, tar-rikavat li jigi mir-reat jew ta' dik il-propjeta li l-valur taghha jkun jikkorrispondi ghall-valur ta' dak ir-rikavat, ai termini tal-Artikolu 23B tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll li f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Fit-tieni seduta mizmuma quddiem din il-Qorti, cioe dik tad-9 t'Ottubru 2019, gie registrat il-verbal segwenti:

*"Dr Alfred Abela ghall-partijiet civile Charles (Carmel) u Carmen Cremona jiddikjara li l-klijenti tieghu thallsu l-ammont kollu minnhom reklamat u m'ghandhom ebda pretensjoni ulterjuri fil-konfront tal-imputat odjern. Barra minn hekk, il-parte civile gentilment jitolbu li fic-cirkostanzi jirtiraw dawk l-akkuzi li huma irtirabbli. Barra minn hekk, qed jigi gentilment dikjarat illi l-parte civile qeghdin jahfru lill-imputat ta' dak kollu li huwa ghamel. Il-parte civile izzid ukoll illi stante is-suespost qed tirtira il-kwerela taghha u ghalhekk it-tielet imputazzjoni."*

Sussegwentement, fl-istess seduta, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, barra l-imputazzjoni numru 3 li giet irtirata mill-*parte civile*.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u senjatament li, in vista tal-fatt li fil-mori tal-proceduri hu rrifonda lill-*parte civile* il-flus kollha dovuti lill-*parte civile*, il-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotta kontra tieghu hija ta' sitt (6) snin prigunerija u multa sa massimu ta' €1164.69, u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jerga' jikkonsulta mal-avukat tieghu sabiex jara jekk jridx jikkonferma l-ammissjoni tieghu.

Wara li regghet issejhet il-kawza, il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellhux hin bizzejjed biex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu, l-imputat wiegeb fl-affirmattiv u kkonferma wkoll l-ammissjoni tieghu.

Semghet ix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation Sharlet Fabri u rat ir-rapport taghha dwar l-idoneata tal-imputat li jwettaq ordni ta' servizz fil-kommunita minghajr hlas.

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, hlief ghall-imputazzjoni numru tlieta (3) li giet irtirata mill-*parte civile.*

Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-fedina penali tal-imputat hija wahda raffrettarja bi tmintax-il kundanna, li l-maggoranza taghhom huma ghal frodi u/jew misapproprazzjoni. Pero l-ahhar kundanna tirrisali ghal reati mwettqa f'April 2012.

Hadet ukoll in konsiderazzjoni li l-imputat irrifonda lill-*parte civile* il-flus li hadilhom fil-mori bejn l-ewwel u t-tieni seduta quddiem din il-Qorti, u rregistra ammissjoni bikrija, u b'hekk ma heliex il-hin u r-rizorsi tal-Qorti u tal-Pulizija.

Mir-rapport taghha, l-Ufficjal tal-Probation qalet li *"jkun ghaqli jekk John Micallef jibqa' jzomm ruhu attiv fl-impjieg tieghu sabiex kemm jista' jkun ikollu dhul stabbli u ghaldaqstant jevita sitwazzjonijiet fejn l-istint ikun li jissellef il-flus. Iktar minnhekk, jista jkun ta' beneficcju ghalih jekk ifettex ghajnuna psikologika sabiex itaffi mir-rabja li hija evidenti li ghandu ghal hafna sitwazzjonijiet li ghadda minnhom matul hajtu."*

Jidher li l-imputat qed jipprova jindirizza l-problemi li ghandu f'hajtu, tant li apparti li kellu impjieg stabbli ghal dawn l-ahhar tlett snin, fil-mori ta' dawn il-proceduri beda jahdem ukoll f'impjieg *part-time,* sabiex ikollu dhul stabbli.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Rittmar Hatherly** et deciza fid-9 t'Ottubru 2008, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[1] irriteniet hekk: *"Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity*

[1] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano

*li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu* ***Principles of Sentencing*** *(Heinemann, London, 1979):*

*"The term 'inadequate recidivist' is used to describe an offender, middle aged or older, who has over a long period of years committed numerous offences, not in themselves in the first rank of seriousness, and has served many terms of imprisonment as well as experiencing an extensive selection of other penal measures. Faced with such an offender, the Court will usually grasp any chance of breaking the cycle of offence and sentence, even if the chances of success are obviously limited ... ... As in the case of the intermediate recidivist there must be some prospect of success, however remote" (pp. 22, 23).*

Il-Qorti, wara li irriflettiet fit-tul, hija tal-opinjoni li l-isforzi tal-imputat jisthoqqilhom li jigu inkoraggiti u li ghandu jinghata cans iehor sabiex jirriforma ruhu, u jitbieghed bit-triq tal-kriminalita. Dan irid jaghmlu billi jiehu l-ghajnuna necessarja minghand professjonisti, u ghal dan il-ghan se tqieghed lill-imputat taht ordni ta' trattament. Huwa ghandu wkoll jikkumpensa lis-socjeta ghal hsara li ghamel b'xoghol fil-kommunita minghajr hlas.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni stante li l-kwerela giet irtirata mill-*parte civile* fil-mori ta' dawn il-proceduri, wara li rat l-Artikoli 18, 308, 310(1)(a), 309, 338(g), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikoli 19(1) u 24(1) tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta, issib l-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha dedotti kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li l-hati jitqieghed taht ordni ta' probation u servizz taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin mill-lum, u li jobdi ordni ta' servizz fil-kommita billi jaghmel xoghol bla hlas ghal mitejn (200) siegha f'dak il-post u skond l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-Probation u Parole, bl-approvazzjoni ta' din il-Qorti, u bil-kundizzjonijiet l-ohra indikati fl-istess ordni hawn annessa, li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

Dawn l-ordnijiet qed isiru wara li din il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u semplici l-effett ta' dawn l-ordnijiet u li jekk huwa jonqos li jikkonforma ruhu maghhhom jew jaghmel xi reat iehor, huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.

Il-Qorti inoltre tqieghed lill-hati taht '*treatment order*', ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali taht il-kura tal-Psikologu Dottor Edward Curmi, u dan ghal perjodu ta' tlett (3) snin. Dottor Edward Curmi ghandu ihejji pjan ta' kura ghall-hati, skont dak li fl-opinjoni tieghu huwa fl-ahjar interess ghall-bzjonnijiet tal-hati, inkluz, jekk ikun necessarju kura minn professjonijisti ohra. Il-hati huwa obbligat li jsegwi dan il-pjan ta' kura skrupolozament, u dan a spejjez tieghu.

Il-Qorti wissiet lil hati bi kliem car u semplici il-konsegwenzi jekk huwa jonqos li jottempera ruhu ma' din it-*treatment order.*

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Probation u Parole.

Il-Qorti tordna li l-atti ta' din il-kawza flimkien ma' kopja ta' din is-sentenza jintbaghatu lill-Avukat Generali, fi zmien moghti skond il-ligi.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**